MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Numru 628/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

v

**SHIRLEY ABELA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **SHIRLEY ABELA** ta' disgha w ghoxrin sena bint Emanuel Abela u Giovanna nee Chetcuti, imwielda Pieta nhar s-sebgha ta' Novembru 1975 u residenti 637, Flat 10, Triq il-Kbira San Gusepp, Hamrun, detentrici tal-karta tal-identita numru 538875M giet imressqa quddiemha akkuzata talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005 ghal habta tat-tlieta w ghoxrin ta' wara nofsinhar, f'Tas Sliema, bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq ta' basket li kien fih oggetti li jiswew aktar minn mitt lira maltin, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghal

esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipenenti mill-volunta taghha u liema attentat ta' serq huwa kkwalifkat bil-valur ghad-dannu ta' Peter Lundin mill-Isvezja.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' Settembru 2005 sabiex f'nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputata tiddikjara fis-seduta ta' nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006, li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 48].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Peter Lundin** [fol 8] fejn qal li dak iz-zmien tal-incident in dezamina hu kien alloggjat l-lukanda Preluna f'Tas Sliema. Qal li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005 wara nofsinhar, hu, l-gharusa tieghu u bintu ta' erbatax il-sena marru jghumu. Qal li mieghu ha *back pack* li fih kellu kartiera b'ghoxrin lira maltin, credit card, camera tar-ritratti li tiswa cirka mitejn lira maltin, T Shirt u xuguman u kif waslu hemm, pogga dan il-basket fuq ix-xatt u mar jghum u hdejh halla l-gharusa tieghu. Zied jghid li meta tela mill-ghuma, l-basket kien ghadu hemmhekk. Kompla jghid li f'xi hin l-gharusa marret tixtri u halliet l-basket hemmhekk.

Mistoqsi jekk kienx jaf lil imputata, x-xhud wiegeb fin-negattiv u li qatt ma kien raha qabel. Qal li sussegwentement gie nfurmat mill-pulizija li kien hemm fuq ix-xatt, li xi persuna kienet inqabdet tfittex fil-basket tieghu ta' kulur iswed tal-canvas b'but quddiem u b'zipp

fuq il-bicca ta’ fuq, tal-marka Samsung u giet imwaqqfa. Qal li meta fethu sab li ma kellu xejn nieqes minnu. Mistoqsi jekk l-basket tieghu kienx maghluq qabel ma nizel jghum, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf, pero qal li meta tela mill-bahar, zgur li sabu miftuh.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005 **xehed l-Ispettur Stephen Gatt** [fol 12] fejn qal li nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Lulju 2005, ghal xi s-sitta w nofs ta’ filghaxija, il-pulizija gew infurmati permezz ta’ telefonata anonima b’lehen ta’ ragel, li persuna kienet ghadha kemm inqabdet fil-Preluna Lido tipprova tisraq minn basket li kien mal-art. Il-pulizija marret mill-ewwel fuq il-post fejn hemm sabet lil certu Pierre Cassar u lil Vincent Stivala li jahdmu hemm, li qalulhom li kienu raw zewg nisa jhufu fl-inhawi u wahda minnhom qabdet basket li kien hemm bejn zewg *deck chairs* w ippruvat titlaq bih. Pierre Cassar qallu li qabel ma telqet bih, ghajtilha w ghamlilha sinjal u din hallietu hemmhekk filwaqt li l-persuna l-ohra li kienet maghha qabdet u telqet. Irrizulta li din l-persuna li twaqqfet kienet l-imputata odjerna. Qal li l-basket in kwistjoni kien *rug sack* tal-canvas ta’ kulur iswed li fih kien hemm camera li tiswa cirka mitejn lira maltin u xi affarijiet ohra ta’ valur.

Zied jghid li Vincent Stivala gie wkoll mitkellem mill-pulizija fejn qal li wkoll kien ra persuna thuf u f’daqqa wahda taqbad l-basket u kif kienet ser titlaq bih, ghajtilha u regghet qeghditu f’postu. Qal li staqsewh jekk kienx hemm xi banda ohra minn fejn din il-mara setghet tghaddi u dan rrisponda li kien hemm hafna post minn fejn setghet tghaddi u kif qaltlu hi, l-iskuza li gabet li riedet tghaddi minn bejn z-zewg *deck chairs* ma kienetx skuza tajba ghaliex kien hemm aktar spazju minn fejn tghaddi u l-basket ma kienx fin-nofs.

Ix-xhud zied jghid li hu tkellem mal-imputata u hadilha stqarrija nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005 wara li nghatat s-solita twissija, li pero ghazlet li ma tiffirmax u li fiha nnegat li riedet tiehu dan l-basket, izda qalet li marret bil-karozza ma habiba taghha u kif iltaqghu flimkien d-Detox. Qalet li waqt li kienet hdejn d-Detox riedet tixtri xi nappies urgenti u l-habiba taghha Priscilla mill-Belt, li

tafha mill-iskola, ikkonvincieta li tmur maghha hdejn t-Torri f'Tas Sliema sabiex jfittxu xi hbieb taghha. Mistoqsija ghaliex ma xtratx in-nappies meta kellha urgenza li tixtrihom, l-imputata wiegbitu li ghamlet hekk peress li Priscilla kkonvincietha jmorru Tas Sliema. Ix-xhud qal li hu ccekkja mas-CdB biex jara jsibx xi dettalji dwar din Priscilla, pero ma sab xejn. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija ta' l-imputata li giet mmarkata bhala dokument SP [fol 15].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Vincent Stivala** [fol 21] fejn qal li s-Sibt, t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2005 hu kien Tas Sliema, fejn jahdem fil-catering. Qal li kien ma gemb il-Preluna Beach Club fejn il-Watersports ta' habib tieghu Pierre Cassar. Qal li l-gurnata ta' qabel kien wassal zewgt inglizi l-ghassa peress li kienu allegaw li kien insterqilhom basket u kienu tawh deskrizzjoni tal-persuna li allegatament serqithom, pero ma kienx ta kaz. Qal li l-ghada ra l-persuna li kienet giet deskritta lilu miz-zewgt inglizi u cioe li kienet mara liebsa ilbies mhux tal-bahar, daqsxejn samranija, xagharha twil u hwejjeg bi kmiem twal, mhux ta' hdejn il-bahar. Qal li pero dakinhar kien gibidlu l-attenzjoni Pierre Cassar u qallu li dik il-persuna li kienu qed jaraw kienet l-istess persuna deskritta miz-zewgt inglizi l-jum ta' qabel. Ikkonferma li din l-istess persuna hu wkoll kien raha l-jum ta' qabel hemmhekk fil-kumpanija ta' xi habiba taghha miexja hdejn xi turisti li kellhom s-sodod u basktijiet fin-nofs w ghaddiet minn bejniethom. Qal li kellha l-basket taghha, gholliet zewg basktijiet, siehbu ghajtilha u hi nizzlitu u ma haditux. Zied jghid li lok biex tghaddi minn hemm ma kienx hemm. Kompla jghid li l-basket kien iswed u li ma rahiex tifthu. Qal li kien warajha, boghod minnha tul tal-awla, u li ma tantx damet hemmhekk. Kompla jghid li ghollietu xi pied mill-art waqt li kienet miexja u li hu raha taghmel hekk. Ikkonferma li siehbu Pierre Cassar, li kien bejnu u bejnha, waqqafha dak l-mument u qabdilha idejha u qalilha li kien ser icempel lil pulizija. Qal li din kienet liebsa jeans issikkat u xi haga skura bil-kmiem twal. Qal li dak l-hin il-habiba taghha telqet u lil din tal-ahhar hu ma ra taghmel xejn.

Illi nhar t-tlieta ta' April 2006 **xehed Pierre Cassar** [fol 34] fejn qal li lil imputata ma jafhix ghalkemm ra darba biss. Qal li raha tmiss xi basktijiet f'Tas Sliema. Qal li darba minnhom fis-sajf li ghadda, kien xoghol l-lukanda Preluna u kien insteraq xi basket li kien ta' xi barrani minn fuq x-xatt. Qal li dan il-barrani kien ta deskrizzjoni tal-persuna li serqitu lil Vincent Stivala bhala wahda li kienet liebsa qalziet twil, hwejjeg mhux tal-bahar. Zied jghid li Vincent Stivala kien allega mieghu li lil din il-mara kien raha ghaddejja minn that, waqt li terfa l-basktijiet u thoss l-piz taghhom u terga tnizzilhom. Qal li kif waslet fil-vicin, hu nizel ghal fuqha u ressaqha minn idejha. Ikkonferma li din il-persuna kienet l-imputata odjerna u li din kienet flimkien ma tfajla ohra. Zied jghid li hu kien staqsa lil imputata ghalfejn kienet ghamlet hekk u hi wegbitu li sabiex tghaddi. Qal li f'idejn l-imputata hu ma ra xejn u li l-mara l-ohra li telqet tigri, kellha xi haga f'idejha. Qal li dak l-hin l-imputata bdiet tghidlu biex ihalliha u bdiet tiftah il-portmoni taghha u turih ir-ritratti tat-tfal taghha. Qal li hu ma rahiex tiehu xi affarijiet mill-basktijiet tan-nies.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2006 **xehed PS 513 Anthony Gerada** [fol 37] fejn qal li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2003, ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar, kien gie nfurmat li kien hemm persuna li ppruvat tisraq minn basket li kien fl-art fil-lido tal-lukanda Preluna u li kienet giet mizmuma. Qal li hu mar fuq il-post u sab lil Pierre Cassar u lil Vincent Stivala li qalulu li kienu raw zewg nisa jippassiggaw f'dik l-area w innotaw li wahda minnhom tbaxxiet u gabret basket li kien bejn zewg *deck chairs*. Pierre Cassar qallu li avvicina lil dawn iz-zewg nisa w irnexxilu jzomm wahda minnhom filwaqt li l-ohra telqet tigri. Qal li hu tkellem ma wahda minnhom, li kienet l-imputata odjerna u li kienet hi li kienet ser tiehu l-basket in kwistjoni. Din qaltlu li kienet qed tippassigga fi Gnien Indipendenza u wara hdejn il-lukanda Preluna, u kienet ressqet basket minn nofs biex tkun tista tghaddi u dak il-hin avvicinha ragel u qalilha biex tibqa hemmhekk. Irrizulta li l-basket in kwistjoni kien ta' certu Peter Lundin ta' nazzjonalita Svediza li dak l-hin kien qed jghum u li kien halla l-imsemmi basket hdejn d-*deck chair*s. Fil-basket kien hemm digital camera li tiswa mitejn lira maltin

u madwar ghoxrin lira fi flus. Ix-xhud zied jghid li skond Petrer Lundin ma kellu xejn nieqes mill-basket tieghu. Kompla jghid li wara l-imputata giet mizmuma ghal aktar investigazzjoni. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 39].

Mistoqsi jekk ghamilx tfittxija x-xhud wiegeb fl-affermattiva u fil-fatt stqarr li ghamel zewg *searches* wahda fil-fond 337/10, High Street, Hamrun fil-presenza ta' certu David Bugeja u l-ohra fil-fond 354, Main Street, Mosta fil-presenza ta' certa Jane Abela liema zewg *searches* rrizultaw fin-negattiv.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2006 **xehed PS 1102 Robert Everert** [fol 43] fejn qal li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2003, ghal habta tat-tlieta w ghoxrin ta' wara nofsinhar, kien gie nfurmat li kien hemm persuna li ppruvat tisraq minn basket fil-lido tal-lukanda Preluna u li kienet giet mizmuma. Qal li hu mar fuq il-post flimkien ma PS 513 Anthony Gerada u zewg pulizija ohra. Qal li hemm tkellem ma Pierre Cassar u lil Vincent Stivala li qalulu li kienu nnutaw zewg nisa u wahda minnhom, kif ghaddiet minn bejn zewg *deck chairs*, gabret basket li kien hemm fl-art. Meta nndunaw biha, resqu lejha u din poggiet lura l-basket f'postu u harbet tigri. Qal li l-persuna li harbet tigri kienet l-imputata odjerna. Zied jghid li tkellem ma l-imputata odjerna u din qaltlu li kienet ressqet basket minn nofs biex tkun tista tghaddi.

Stqarr li assistita ghal zewg *searches* wahda fil-Hamrun u ohra fil-Mosta, liema zewg *searches* rrizultaw fin-negattiv.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehdet l-imputata minn jeddha b'mod voluntarju** [fol 49] fejn qalet li dakinhar tat-tlieta w ghoxrinta' Lulju 2005, hija kienet ghaddejja minn hdejn il-bahar u f'xi hin riedet tghaddi minn bejn zewg *deck chairs* u qabdet basket biex tghaddi u regghet nizlitu minflok ma qabzitu. Sussegwentement tghid li appena waslet xi ghaxar piedi boghod, gie fuqha ragel u qalilha biex tmur mieghu. Ikkonfermat li messet l-basket pero xejn aktar ma riedet taghmel. Qalet li kienet ma Priscilla, habiba taghha mill-

iskola. Mistoqsija fejn kienet ipparkjata, l-imputata wiegbet li ma tafx. Mistoqsija ghaliex m'ghaddewx minn mat-triq, l-imputata wiegbet li riedet tfittex lil xi habiba ta' Priscilla.

L-imputata rrilaxxjat stqarrija nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 [dok SP a fol 15] u minn ezami tal-istess jirrizulta li hi qalet li hija kienet marret Tas Sliema ma Priscilla, ipparkjat f'nizla hdejn il-bandli f'Tas Sliema u marru jimxu mal-bahar biex ifittxu xi hbieb taghhom. Qalet li f'hin minnhom, ghaddiet minn bejn zewg *deck chairs* u ma kellhiex ghalfejn taghmel hekk, qabdet basket minn mal-art u ghollietu biex tghaddi. Qalet li dak l-hin warajha kien hemm Priscilla.

Qalet li appena imxiet zewg passi, gie ragel fuqha u qabadha minn idejha u qalilha li raha li kienet ser tiehu l-basket. Huwa beda icempel lil pulizija. Priscilla telqet minn hemm.

Mistoqsija kemm imxiet biex tfittex il-hbieb, qalet li ma tafx. Fl-istqarrija taghha tghid li Priscilla taf li toqghod il-Belt Valletta pero meta giet mistoqsija viva voce l-Qorti, qalet li ma tafx fejn toqghod Priscilla u lanqas ma kienet taf fejn ipparkjat il-karozza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi biss fuq kredibilita tax-xhieda prodotta. Illi jirrizulta bla dubju ta' xejn, li l-imputata kienet ma xatt 'l bahar u li gabret basket minn bejn zewg *deck chairs* waqt li allegatament kienet mal-habiba taghha Priscilla.

L-imputata ma dehritx genwina f'dak li qalet u fil-fatt lanqas lil habiba taghha Priscilla ma ressqet biex tikkonferma dak li gara. Hija kienet evasiva hafna waqt li kienet fil-pedana tax-xhieda u fid-dettal ma kkonfermatx dak li qalet fl-istqarrija taghha. Per ezempju waqt li tghid fl-istqarrija li pparkjat hdejn il-bandli f'nizla, fix-xhieda taghha tghid li ma tafx fejn ipparkjat u lanqas taf jekk kienx hemm bandli. Waqt li fl-istqarrija tghid li kien hemm

ragel li waqqafha meta kienet biss zewg passi boghod bil-basket f'idejha, filwaqt li viva voce l-Qorti tghid li giet imwaqqfa wara li nizlet il-basket w imxiet ghaxar passi. Fl-istqarrija taghha tghid li ma kienx hemm minn fejn tghaddi filwaqt li viva voce l-Qorti tghid li kien hemm minn fejn tghaddi.

Il-Qorti hi tal-fehma li x-xhieda li ressqet il-prosekuzzjoni hija aktar kredibbli u vero simili f'dan il-kaz.

Illi ma giex kontestat li fil-basket in kwistjoni li gie muri lil Qorti, huwa wiehed zghir u zgur li ma setghax jostakola xi passagg.  Jirrizulta li go fih, skond x-xhieda ta' Peter Lundin mill-Isvezja, sidu stess, kien hemm diversi oggetti fosthom camera tar-ritratti li tiswa mitejn lira maltin.  Dan il-valur ma giex kontestata mid-difiza w ghalhekk jirrizulta li serq in kwistjoni hu aggravat bil-valur.

Il-QortI rat l-fedina penali tal-imputata esibita bhala dokument SP 2 a fol 19 et seq tal-atti fejn jirrizulta li hemm registrati fuqha zewg reati, wahda dwar hsara voluntarja w ohra dwar pussess ta' Eroina fejn inghatat ammonizzjoni u *unconditional discharge* ghal sitt xhur.

Illi l-imputata ma tghallmitx minn dawn l-esperjenzi li kellha ghaliex regghet qeghda il-Qorti akkuzata bir-reati odjerni.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 41(1)(a), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li ssib lill-imputata SHIRLEY ABELA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' xahar u nofs sospizi ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputata u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------